# PADRE PIO ESORCISTA

Skont San Gwann Grisostmu, ix-xitan jixbah lill-pirata li ma jimpurtahx minn vazijiet vojta izda jmur lejn vazijiet mimlija bi hwejjeg prezzjuzi. Aktar ma jkun fihom gid, akbar ikun l-interess tieghu. Fi kliem iehor ma jittantax hafna lil dawk l-erwieh li diga' huma tieghu, li taw lilhom infushom lilu jew jadurawh, imma li dawk li huma fl-istat tal-grazzja ta' Alla. Fost dawn ifittex fuq kollox li jdghajjef u jaghti gambetti lil dawk li huma mexjin fit-triq tal-qdusija, li dawk li huma nies virtuzi u jaghmlu azzjonijiet tajba. Dan ix-xoghol, ix-xitan iwettqu b'herqa kbira mhux f'ibliet mitlufa, izda f'ibliet preservati, mhux barra il-kunventi, izda go fihom. Ix-xitan kien jittanta lill-Padre Pio billi jidhirlu taht diversi forom, issa kif inhu, issa bhala wiehed seducenti f'forma ta' tfajla tizfen bla hwejjeg jew jilbes aspetti ohra kuntrarju ghal dak li hu, billi jiehu forma tal-Papa Qaddis San Piju X li tieghu Padre Pio kien tant devot, l-anglu kustodju tieghu u San Frangisk d'Assisi. Xi drabi ix-xitan kien jidhirlu u anke jsawtu. Drabi ohra ma kienx jidhirlu, izda jittorturah bi hsejjes kbar ta' barra n-natura li jtarrxu u jweggghu l-widna.

Fl-ahhar Padre Pio kien ittentat b'mod sottili hafna: kien jisma' bhal ilhna minghajr hoss li bihom ix-xitan kien jinklina jew jiddisponih biex jidneb. Wara din l-operazzjoni ix-xitan kien jistiednu biex jaghmel id-dnub. Imma kull darba Padre Pio kien isejjah isem Kristu Gesu' jew isem l-Imqaddsa Marija u kien jehles mix-xbieki tax-xitan.

Dawn huma xi ezempji tal-battalji tieghu kontra ix-xjaten:

Meta kien Pietrelcina, ix-xitan deher lil Padre Pio taht il-forma tad-direttur spiritwali tieghu u akkuzah li kien pruzuntuz, billi jimxi fuq il-passi ta' San Frangisk d'Assisi. Qallu biex ikun umli u jhalli l-istat monastiku.

Ghodwa wahda, fil-kunvent ta' Santa Anna gewwa Foggia, Padre Fernando di San Marco kien qed ifittex lil Padre Pio sabiex flimkien imorru fir-refetorju ghall-kolazzjon. Padre Pio kien mistrieh fuq is-sodda b'rasu tistrieh mat-tustiera taghha. Huwa bl-edukazzjoni kollha irrifjuta l-istedina billi kien jippreferi li joqghod fic-cella. Allura Padre Fernando mar wahdu, izda fi triqtu lejn ir-refetorju, meta kien ghadu kemm ghamel ftit passi 'l boghod mic-cella ta' Padre Pio, sema' hoss kbir gej mic-cella tal-patri. Meta dahal fic-cella bl-iskop li jara x'gara jilmah lill- Padre Pio fi stat li ma jintgharafx, xaghru u l-baffi imharbta, jileg, u sfajjar u jirtghod bil-biza'.  Soddtu kienet imharbta ghal ahhar. Is-siggu kien rasu 'l isfel u xkupa kienet imkissra f'bicciet. Padre Pio kellu glieda max-xitan.

F'okazzjoni ohra ix-xitan qabdu minn dirghajh u fizikament abbuza bih billi xehtu ma' l-art qisu tibna.

F'ittra li kiteb fit-13 ta' Frar tas-sena 1913 lid-direttur spiritwali tieghu, Padre Agostino, il-patri kappuccin kitiblu hekk: *Issa ghaddew 22 jum minn mindu Gesu' halla lix-xjaten jisfogaw il-qilla taghhom fuqi. Gismi kollu hu mmarkat bid-daqqiet taghhom. Kienu jnehhuli l-qmis u jsawtuni brutalment.*

F'ittra ohra huwa kiteb li fih innifsu kien ihoss " *zewg forzi, jiggieldu bejnithom u jcarrtulu qalbu. Fuq naha kien hemm l-angli u fuq l-ohra d-demonji."*

Gewwa San Giovanni Rotondo xi patrijiet ippruvaw li jitbieghdu mill-kunvent tal-Madonna tal-Grazzji, billi laqqmuh il-post fejn il-glieda spiritwali kontra d-demonju kienet qalila wisq. Padre Pio qal lil wiehed minnhom: Allura ser iccedi lix-xitan?" U waqt li kien qed jindirizza lill-grupp ta' sorijiet li kienu ghadhom kemm dahlu jaghmlu parti minn monasterju qalilhom: Hejju ruhkom ghall-glieda! Hawn, fil-monasteru, jinsab il-kwartieri tal-kap tax-xjaten."

F'Settembru tas-sena 1947 gabulu mara li fiha kellha xitan. Kienet povra mara tad-dar li uliedha sfurzawha li tidhol fil-knisja fejn Padre Pio kien ser iqaddes. Ghal bosta snin la qatt dahlet fi knisja u anqas rajt kurcifis. Darba dahlet fil-knisja bdiet tixher hekk bil-kbir li n-nies migbura ghall-quddiesa ntelw bil-biza'. U meta Padre Pio beda jqarben, il-povra mara bdiet tghid hafna insulti u dagha. Padre Pio qalilhom biex johduha 'l barra. "Lesta li mmut imma ma nohrogx," werzqet il-mara ppossesata. Padre Pio sollenement gholla Ostja Kkonsagrata fuq il-kalci u taha harsa severa lill-mara. " Wasal iz-zmien li din is-sitwazzjoni tintem," qal. Ma' dan il-kliem il-mara waqghet fl-art u dehret li mietet. Imma imbaghad immedjatament qamet bil-wieqfa u qaghdet bil-qieghda f'rokna fil-knisja hielsa minn kull tirannija djabolika.

Padre Pio kien devot kbira ta' l-Arkanglu San Mikiel, li deher tlett darbiet fuq Monte Gargano, hdejn San Giovanni Rotondo fi tmiem il-hames seklu u konstantament kien

ihajjar lin-nies biex ikollhom devozzjoni kbira lejn l-Anglu Kustodju taghhom. Darba Padre Pio qal lil ulied spiritwali tieghu: *"Ftakru li Alla jghammar fina meta nkunu fl-istat tal-grazzja, imma johrog meta ahna naghmlu d-dnub il-mejjet. Imma l-anglu qatt ma jabbandunana. Huwa l-aktar habib sincier u fidili taghna anke meta ahna nizbaljaw bl-ikrah."*

Darba ohra wara li zar monasterju qal lill-patri li dawru mal-binja: " *Jiena zort il-monasterju taghkom, rajt kull cella u ilmaht l-angli kustodju ta' dawk kollha li jghammru hemmhekk."*